31985D0204

27.3.1985 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* L 87/8

# ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL
## tas-7 ta' Marzu 1985
## li taċċetta għan-nom tal-Komunità, tlett Annessi għall-konvenzjoni internazzjonali dwar is-simplifikazzjoni u l-armonizzazzjoni tal-proċeduri doganali

(85/204/KEE)

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni,

Filwaqt li, skond id-Deċiżjoni 75/199/KEE ([1]), il-Komunità hija parti għall-konvenzjoni internazzjonali dwar is-simplifikazzjoni u l-armonizzazzjoni tal-proċeduri doganali;

Filwaqt li, l-Annessi mal-konvenzjoni msemmija li jikkonċernaw id-dħul għall-użu fid-dar, l-esportazzjoni diretta u l-ħlas lura tad-dazji u t-taxxi ta' l-importazzjoni jistgħu kunu aċċettati mill-Komunità;

Filwaqt li huwa approprjat, madanakollu, li din l-aċċettazzjoni tkun akkumpanjata minn ċerti riżervi sabiex tieħu kont tal-ħtiġijiet speċjali ta' l-Unjoni Doganali u ta' l-istat preżenti ta' l-armonizzazzjoni fl-arja tal-leġislazzjoni doganali,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

L-Annessi li ġejjin għall-konvenzjoni internazzjonali dwar is-simplifikazzjoni u l-armonizzazzjoni tal-proċeduri doganali huma hawnhekk aċċettati għan-nom tal-Komunità, soġġetti għar-riżervi indikati:

— L-Anness B.1 li jikkonċerna l-*clearance* għall-użu fid-dar (l-Anness I ma' din id-Deċiżjoni), b'riżerva ġenerali u riżervi li għandhom x'jaqsmu ma' l-I*standard* 28 u l-Prattiċi Rakkomandati 19 u 52,

— L-Anness C.1 li jikkonċerna l-esportazzjoni diretta (l-Anness II ma' din id-Deċiżjoni), b'riżerva ġenerali u riżervi fejn għandhom x'jaqsmu l-I*standard* 21 u l-Prattika Rakkomandata 10,

— L--Anness F.6 li jikkonċerna l-ħlas lura tad-dazji u t-taxxi ta' l-importazzjoni (l-Anness III ma' din id-Deċiżjoni), b'riżerva ġenerali u riżerva fejn għandu x'jaqsam l-I*standard* 7.

*Artikolu 2*

Il-President tal-Kunsill għandu jaħtar il-persuna ntitolata li tinnotifika lis-Segretarju-Ġenerali tal-Kunsill tal-Koperazzjoni Doganali bl-aċċettazzjoni, għan-nom tal-Komunità, ta' l-Annessi msemmija fl-Artikolu 1, flimkien mar-riżervi indikati f'dak l-Artikolu.

Magħmul fi Brussel, fis-7 ta' Marzu 1985.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

A. BIONDI

---

([1]) ĠU L 100, tal-21.4.1975, pġ. 1.

*ANNESS I*

ANNESS B.1

## L-ANNESS LI JIKKONĊERNA L-APPROVAZZJONI GĦALL-UŻU FID-DAR

### L-Introduzzjoni

Merkanzija li hija impurtata direttament għall-użu jew għall-konsum fi ħdan it-territorju doganali għandha tiġi ddikkjarata għall-użu fid-dar.

Tista' tiġi ddikkjarata għall-użu fid-dar jew direttament ma' l-importazzjoni jew wara proċedura oħra doganali bħall-*warehousing*, l-ammissjoni temporanja jew it-transitù doganali.

L-obbligazzjonijiet ewlenija li għandhom jitwettqu mid-dikjarant biex jottjeni l-*clearance* tal-merkanzija għall-użu fid-dar huma l-alloġġ tad-dikjarazzjoni tal-merkanzija bid-dokumenti ta' appoġġ (il-liċenzja ta' l-importazzjoni, iċ-ċertifikati ta' l-oriġini, eċċ.) u l-ħlas ta' xi dazji fuq l-importazzjoni u taxxi li għandhom jitħallsu. Taħt ċerti kondizzjonijiet il-ħlas tad-dazji ta' l-importazzjoni u t-taxxi jista' jiġi diferit. Fejn xieraq, is-sigurtà tista' tkun meħtieġa mid-dwana biex tiggarantixxi l-ħlas tad-dazji u t-taxxi ta' l-importazzjoni.

Il-miżuri meħuda mid-dwana f'konnessjoni ma' l-approvazzjoni huma: l-eżami tad-dikjarazzjoni tal-merkanzija u dokumenti magħha, l-eżami tal-merkanzija, l-istima u l-ġbir tad-dazji ta' l-importazzjoni u t-taxxi u t-tħollija tal-merkanzija. Jiddependi fuq il-prattika nazzjonali amministrattiva, dawn l-operazzjonijiet jistgħu jitwettqu f'ordni differenti minn dik murija fuq. Id-dwana tista' wkoll tkun responsabbli biex tottjeni d-*data* meħtieġa għall-istatistiċi tal-kummerċ u għall-infurzar tad-disposizzjonijiet statutorji jew regulatorji oħrajn li għandhom x'jaqsmu mal-kontroll tal-merkanzija impurtata. Awtoritajiet kompetenti oħrajn jistgħu wkoll iwettqu ċerti kontrolli (veterinarji, tas-saħħa, pitopatoloġiċi eċċ.) fuq merkanzija dikjarata għall-użu fid-dar.

Id-disposizzjonijiet ta' dan l-Anness japplikaw għall-varji formalitajiet u miżuri (formalitajiet doganali) involuti fl-approvazzjoni tal-merkanzija għall-użu fid-dar, ikun xi jkun il-mod ta' l-importazzjoni tagħhom.

L-Anness ma japplikax għall-approvazzjoni għall-użu fid-dar ta' merkanzija importata bil-posta jew f'bagalji tal-vjaġġaturi.

### Id-Definizzjonijiet

Għall-iskopijiet ta' dan l-Anness:

(a) il-kliem "approvazzjoni għall-użu fid-dar" ifissru l-proċedura doganali li tipprovdi li merkanzija importata tista' tibqa' fit-territorju doganali b'mod permanenti. Din il-proċedura timplika l-ħlas ta' kull dazji u taxxi ta' l-importazzjoni li għandhom jitħallsu u t-twettiq tal-formalitajiet doganali neċessarji kollha;

(b) il-kelma "dazji u taxxi ta' l-importazzjoni" tfisser dazji doganali u d-dazji, it-taxxi, il-miżati l-oħrajn kollha jew ħlasijiet oħrajn li huma miġbura fuq jew f'konnessjoni ma' l-importazzjoni tal-merkanzija, imma li ma jinkludux il-miżati u l-ħlasijiet li huma limitati fl-ammont għall-prezz, bejn wieħed u ieħor, tas-servizzi mogħtija;

(ċ) il-kelma "dikjarazzjoni tal-merkanzija" tfisser stqarrija magħmula fil-forma preskritta mid-dwana, li permezz tagħha l-persuni interessati jindikaw il-proċedura doganali li għandha tiġi applikata għall-merkanzija u jfornu d-dettalji li d-dwana teħtieġ li jiġu dikjarati għall-applikazzjoni ta' dik il-proċedura;

(d) il-kelma "dikjarant" tfisser il-persuna li tiffirma dikjarazzjoni tal-merkanzija jew li f'isimha hi ffirmata;

(e) il-kelma "l-eżami tad-dikjarazzjoni tal-merkanzija" tfisser l-azzjoni meħuda mid-dwana biex jissodisfaw rwieħhom li d-dikjarazzjoni tal-merkanzija saret kif suppost, li d-dokumenti ta' l-appoġġ meħtieġa huma annessi u li jissodisfaw il-kondizzjonijiet imqiegħda dwar l-awtentiċità u l-validità tagħhom.

(f) il-kliem "l-eżami tal-merkanzija" jfissru l-ispezzjoni fiżika tal-merkanzija mid-dwana biex jissodisfaw rwieħhom li x-xorta, l-oriġini, il-kondizzjoni, il-kwantità u l-valur tal-merkanzija huma skond id-dettalji mogħtija fid-dikjarazzjoni tal-merkanzija;

(g) il-kliem "l-istima tad-dazji u t-taxxi ta' l-importazzjoni" jfissru d-determinazzjoni ta' l-ammont tad-dazji u t-taxxi ta' l-importazzjoni li għandu jitħallas;

(h) il-kelma "tħollija" tfisser l-azzjoni mid-dwana biex jippermettu li l-merkanzija taħt *clearance* titqiegħed għad-disposizzjoni tal-persuni kkonċernati;

(i) il-kelma "sigurtà" tfisser dak li jassigura għas-sodisfazzjon doganali li tiġi mitmuma obbligazzjoni lejn id-dwana. Is-sigurtà hija deskritta bħala "ġenerali" meta tassigura li l-obbligazzjonijiet li jitqajmu mid-diversi operazzjonijiet jiġu mitmuma;

(j) il-kelma "persuna" tfisser persuni kemm fiżiċi u ġuridiċi, sakemm il-kuntest ma jirrikjedix mod ieħor.

**Il-Prinċipji**

1. *Standard*

L-approvazzjoni għall-użu fid-dar ikun iggvernat mid-disposizzjonijiet ta' dan l-Anness.

2. *Standard*

Il-leġislazzjoni nazzjonali għandha tispeċifika l-kondizzjonijiet li għandhom jiġu sodisfatti u l-formalitajiet doganali li għandhom jiġu mwettqa għall-approvazzjoni tal-merkanzija għall-użu fid-dar.

*Noti*

1. Il-Leġislazzjoni nazzjonali tista' tinkludi projbizzjonijiet u restrizzjonijiet fejn għandha x'taqsam l-importazzjoni ta' ċerti kategoriji ta' merkanzija.

2. L-obbligazzjonijiet li għandhom jiġu mwettqa biex isir il-*clearance* tal-merkanzija għall-użu fid-dar jinkludu l-alloġġ tad-dikjarazzjoni tal-merkanzija, il-produzzjoni ta' dokumenti ta' appoġġ u l-ħlas ta' kull dazji ta' l-importazzjoni u taxxi li għandhom jitħallsu.

**Uffiċċji doganali kompetenti**

3. *Standard*

L-awtoritajiet doganali għandhom jaħtru l-uffiċċji doganali li fihom il-merkanzija tista' tiġi approvata għall-użu fid-dar. Fid-deċiżjoni dwar il-kompetenza ta' dawn l-uffiċċji u s-sigħat tax-xogħol tagħhom, il-fatturi li għandu jittieħed kont tagħhom għandhom jinkludu l-ħtiġiet partikolari tas-sengħa u l-industrija.

*Noti*

1. L-awtoritajiet doganali jistgħu jippermettu li l-merkanzija tiġi approvata għall-użu fid-dar f'uffiċċji doganali fuq l-art.

2. Il-kompetenza ta' ċerti uffiċċji doganali tista' tiġi ristretta f'termini tal-mod ta' trasport użat jew tal-kategoriji speċifikati ta' merkanzija jew tal-merkanzija kkunsinnata lil reġjun speċifiku (eż. iż-żona tal-fruntiera jew żona industrijali).

3. L-awtoritajiet doganali jistgħu jeħtieġu li ċerti kategoriji ta' merkanzija (eż., id-djamanti, antikitajiet, xogħlijiet ta' l-arti) jiġu approvati għall-użu fid-dar fl-uffiċċji doganali maħtura għal dak l-iskop.

4. *Il-Prattika rakkomandata*

Meta uffiċċji doganali korrispondenti jinstabu fuq fruntiera komuni, l-awtoritajiet doganali taż-żewġ pajjiżi kkonċernati għandhom, sa fejn hu possibbli, jikkorrelataw is-sigħat tax-xogħol u l-kompetenza ta' dawk l-uffiċċji.

**Id-dikjarant**

(a) Persuni intitolati li jaġixxu bħala dikjarant

5. *Standard*

Il-Leġislazzjoni nazzjonali għandha tispeċifika l-kondizzjonijiet li taħthom persuna hi ntitolata taġixxi bħala dikjarant.

*Nota*

Id-dikjarant m'hemmx għalfejn ikun is-sid tal-merkanzija; jista' jkun, per eżempju, dak li jwassalha, l-aġent, dak li jikkunsinnaha jew aġent approvat mid-dwana.

6. *Prattika rakkomandata*

Kull persuna li jkollha d-dritt li tiddisponi mill-merkanzija għandha tkun intitolata taġixxi bħala dikjarant.

*Nota*

L-awtoritajiet doganali jistgħu jeħtieġu li d-dikjarant jistabbilixxi d-dritt tiegħu li jiddisponi mill-merkanzija.

(b) Ir-Resposabbiltajiet tad-dikjarant

7. *Standard*

Id-dikjarant għandu jinżamm responsabbli lill-awtoritajiet doganali għall-eżattezza tad-dettalji mogħtija fid-dikjarazzjoni tal-merkanzija u fil-ħlas tad-dazji ta' l-importazzjoni u t-taxxi.

(ċ) Id-drittijiet tad-dikjarant

8. *L-Istandard*

Qabel ma jippreżenta d-dikjarazzjoni tal-merkanzija d-dikjarant għandu jkun awtorizzat, taħt il-kondizzjonijiet li jistgħu jiġu stabbiliti mill-awtoritajiet doganali:

(a) li jispezzjona l-merkanzija u

(b) li jfassal kampjuni.

9. *Prattika rakkomandata*

L-awtoritajiet doganali m'għandhomx jitolbu dikjarazzjoni tal-merkanzija separata għall-użu fid-dar fejn għandhom x'jaqsmu kampjuni mħollija li jittieħdu taħt is-superviżjoni doganali, sakemm dawn il-kampjuni huma inklużi fid-dikjarazzjoni tal-merkanzija għall-użu fid-dar li tikkonċerna l-kunsinna rilevanti u din id-dikjarazzjoni hija ppreżentata fil-limitu ta' żmien preskritt.

10. *Prattika rakkomandata*

F'każijiet ta' diffikultà speċjali, u jekk hekk ikun mitlub mid-dikjarant, l-awtoritajiet doganali għandhom jipprovdu kull informazzjoni neċessarja disponibbli għalihom biex jassistuh fil-kompletazzjoni tad-dikjarazzjoni tal-merkanzija għall-użu fid-dar.

**Id-dikjarazzjoni tal-merkanzija għall-użu fid-dar**

(a) Il-formola tad-dikjarazzjoni tal-merkanzija u l-kontenut

11. *Standard*

Il-formoli għad-dikjarazzjoni tal-merkanzija għall-użu fid-dar għandhom jikkonformaw mal-mudell uffiċjali stabbilit mill-awtoritajiet kompetenti.

L-awtoritajiet kompetenti għandhom jitolbu li d-dikjarazzjoni tal-merkanzija tipprovdi biss dawk id-dettalji li huma meqjusa neċessarja għall-istima u l-ġbir tad-dazji ta’ l-importazzjoni u t-taxxi, għall-kompilazzjoni ta’ l-istatistiċi u għall-applikazzjoni tal-liġijiet u r-regolamenti l-oħrajn li għall-infurzar tagħhom d-dwana hija responsabbli.

*Noti*

1. L-awtoritajiet kompetenti ġeneralment jeħtieġu:

(a) dettalji li għandhom x’jaqsmu mal-persuni:

— l-isem u l-indirizz tad-dikjarant,

— l-isem u l-indirizz ta’ l-importatur,

— l-isem u l-indirizz tal-kunsinnatur;

(b) id-dettalji li għandhom x’jaqsmu mat-trapsort:

— il-mod tat-trasport,

— l-identifikazzjoni tal-mezz tat-trasport;

(ċ) dettalji li għandhom x’jaqsmu mal-merkanzija:

— il-pajjiż fejn ikkunsinnat u l-pajjiż ta’ l-oriġini,

— id-deskrizzjoni tal-pakketti (in-numru, ix-xorta, il-marki u n-numri, il-piż),

— id-deskrizzjoni tariffarja tal-merkanzija;

(d) dettalji għall-istima tad-dazji ta’ l-importazzjoni u t-taxxi (għal kull deskrizzjoni ta’ merkanzija):

— l-intestatura tariffarja,

— ir-rati tad-dazji ta’ l-importazzjoni u t-taxxi,

— il-piż gross, il-piż nett jew kwantità oħra,

— il-valur tad-dazju;

(e) dettalji oħrajn:

— in-numru tal-punt statistiku applikabbli għal kull deskrizzjoni tal-merkanzija,

— l-ispazju fejn il-merkanzija kienet ikkunsinnata jew ir-riferenza għad-disposizzjonijiet legali applikabbli (fejn it-trattament preferenzali hu mitlub),

— ir-riferenza għal dokumenti sottomessi biex jappoġġaw id-dikjarazzjoni tal-merkanzija;

(f) il-post, id-data u l-firma tad-dikjarant.

2. Meta l-Partijiet Kontraenti jkunu qegħdin jikkunsidraw ir-reviżjoni tal-formoli preżenti jew il-preparazzjoni ta’ formoli ġodda għad-dikjarazzjonijiet tal-merkanzija għall-użu fid-dar, jistgħu jużaw il-kjavi tal-presentazzjoni fl-Appendiċi I ma’ dan l-Anness, b’qies għan-Noti fl-Appendiċi II.

12. *Prattika rakkomandata*

Meta, għal raġunijiet meqjusa validi mill-awtoritajiet doganali, dikjarant ma jkollux l-informazzjoni kollha meħtieġa biex jagħmel id-dikjarazzjoni tal-merkanzija għall-użu fid-dar, għandu jkun imħolli jippreżenta dikjarazzjoni proviżjonali jew inkompleta sakemm ikollha d-dettalji meqjusa neċessarji mid-dwana u sakemm hu jieħu fuqu li jimlieha fi żmien perjodu speċifikat.

Jekk l-awtoritajiet doganali jaċċettaw dikjarazzjoni proviżjonali jew inkompleta, it-trattament tariffarju li għandu jingħata lill-merkanzija m’għandux ikun differenti minn dak li kien ikun mogħti li kieku dikjarazzjoni kompleta u korretta kienet preżentata ma’ l-ewwel opportinità.

*Nota*

Meta r-rilaxx jingħata qabel ma d-dettalji kollha neċessarja jkunu ġew forniti, id-dikjarant jista’ jkun meħtieġ iforni sigurtà għall-ħlas ta’ kull somom li li jista’ jkollhom jitħallsu.

(b) In-Numru ta’ kopji li għandhom jiġu sottomessi.

13. *Prattika rakkomandata*

L-awtoritajiet doganali għandhom inaqqsu, sa fejn hu possibbli, in-numru ta’ kopji tad-dikjarazzjoni tal-merkanzija għall-użu fid-dar meħtieġa li jiġu sottomessi mid-dikjarant.

14. *Prattika rakkomandata*

Meta huma meħtieġa diversi kopji tad-dikjarazzjoni tal-merkanzija għall-użu fid-dar, għandu jiġi magħmul possibbli għad-dikjarant li jimlihom kollha f’daqqa.

(ċ) Id-Dokumenti li għandhom jiġu sottomessi biex jappoġġaw id-dikjarazzjoni tal-merkanzija

15. *Standard*

Biex jappoġġjaw id-dikjarazzjoni tal-merkanzija l-awtoritajiet doganali għandhom jitolbu biss dawk id-dokumenti li huma jikkunisdraw neċessarji biex jippermettu l-kontroll ta’ l-operazzjoni u jassiguraw li l-ħtiġiet kollha li għandhom x’jaqsmu ma’ l-applikazzjoni tar-restrizzjonijiet rilevanti jew regolamenti oħrajn ikunu ġew imwettqa.

*Nota*

L-awtoritajiet doganali ħafna drabi jeħtieġu l-produzzjoni tad-dokumenti li ġejjin biex jappoġġaw id-dikjarazzjoni tal-merkanzija għall-użu fid-dar: il-liċenzja ta’ l-importazzjoni, evidenza dokumentarja ta’ l-oriġini, iċ-ċertifikat tas-saħħa jew pitopatoloġiku, il-fattura kummerċjali, id-dokumenti tat-trasport.

16. *Prattika rakkomandata*

Meta ċerti dokumenti ta' appoġġ ma jistgħux ikunu alloġġati mad-dikjarazzjoni tal-merkanzija u d-dikjarant jagħti raġunijiet meqjusa validi mill-awtoritajiet doganali, ta' l-aħħar għandhom jawtorizzawh jipproduċi dawk id-dokumenti fi żmien perjodu speċifiku.

*Nota*

Meta t-tħollija tingħata qabel ma d-dokumenti nieqsa huma prodotti d-dikjarant jista' jkun meħtieġ iforni sigurtà għall-ħlas ta' kull somom li jista' jkollhom jitħallsu.

17. *Prattika rakkomandata*

Meta d-dokumenti prodotti biex jappoġġaw dikjarazzjoni tal-merkanzija jsiru f'lingwa li mhijiex lingwa tal-pajjiż ta' l-importazzjoni, l-awtoritajiet doganali m'għandhomx jitolbu, bħala fatt, traduzzjoni tad-dettalji mogħtija f'dawk id-dokumenti.

(d) Emenda tad-dikjarazzjoni tal-merkanzija

18. *Standard*

L-awtoritajiet doganali għandhom jippermettu lid-dikjarant li jemenda dikjarazzjoni tal-merkanzija diġà preżentata bil-kondizzjoni li meta t-talba tiegħu tkun milqugħha ma jkunu bdew la l-eżami tad-dikjarazzjoni u lanqas l-eżami tal-merkanzija.

19. *Prattika rakkomandata*

Talba biex tiġi emendata dikjarazzjoni tal-merkanzija, sottomessa mid-dikjarant wara li jkun beda jew l-eżami tad-dikjarazzjoni jew l-eżami tal-merkanzija, għandha tiġi aċċettata mill-awtoritajiet doganali jekk ir-raġunijiet mogħtija mid-dikjarant huma meqjusa validi.

*Nota*

Emenda tad-dikjarazzjoni tal-merkanzija għall-użu fid-dar ma żżommx l-awtoritajiet doganali milli jieħdu kull azzjoni meħtieġa jekk tiġi skoperta offiża matul l-eżami tad-dikjarazzjoni jew l-eżami tal-merkanzija.

(e) L-irtirar tad-dikjarazzjoni tal-merkanzija

20. *Prattika rakkomandata*

Id-dikjarant għandu jkun awtorizzat jirtira dikjarazzjoni tal-merkanzija għall-użu fid-dar u jitlob l-applikazzjoni ta' proċedura oħra doganali, sakemm it-talba tiegħu ssir lill-awtoritajiet doganali qabel ma l-merkanzija tiġi rilaxxata u r-raġunijiet tiegħu jkunu meqjusa validi.

*Nota*

L-Irtirar tad-dikjarazzjoni tal-merkanzija għall-użu fid-dar ma jżommx lill-awtoritajiet doganali milli jieħdu xi azzjoni neċessarja jekk tiġi skoprta offiża matul l-eżami tad-dikjarazzjoni jew l-eżami tal-merkanzija.

## Il-preżentazzjoni tad-dikjarazzjoni tal-merkanzija

(a) L-Għażla ta' l-uffiċċju tal-*clearance*

21. *Standard*

Id-dikjarazzjoni tal-merkanzija għall-użu fid-dar għandha tiġi preżentata fl-uffiċċju doganali kompetenti fejn il-merkanzija hi ppreżentata.

*Nota*

Jekk ġiet mogħtija awtorità preżenti għat-tħollija ta' merkanzija qabel il-preżentazzjoni ta' dikjarazzjoni tal-merkanzija, l-awtoritajiet doganali jistgħu jitolbu li d-dikjarazzjoni tal-merkanzija tiġi preżentata f'uffiċċju doganali speċifikat.

(b) Il-Ħin permess għall-preżentazzjoni tad-dikjarazzjoni

22. *Standard*

Meta leġislazzjoni nazzjonali tqiegħed limitu ta' żmien għall-preżentazzjoni tad-dikjarazzjoni tal-merkanzija għall-użu fid-dar f'uffiċċju doganali kompetenti, il-ħin permess għandu jħalli lid-dikjarant jiġbor id-dettalji meħtieġa biex issir id-dikjarazzjoni u biex jakkwista d-dokumenti ta' appoġġ meħtieġa.

*Noti*

1. Il-Leġislazzjoni nazzjonali tista' tipprovdi li l-limiti ta' żmien għall-preżentazzjoni tad-dikjarazzjoni tal-merkanzija jibdew, ngħidu aħna, minn meta l-merkanzija tinħatt, minn meta hi ppreżentata fl-uffiċċju doganali jew minn meta tiġi rilaxxata.

2. Meta d-dikjarazzjoni tal-merkanzija ma tkunx ġiet preżentata ma' l-iskadenza tal-limitu ta' żmien, l-awtoritajiet doganali jistgħu jieħdu dik l-azzjoni meqjusa neċessarja, b'mod partikolari biex jipproteġu l-interessi tad-Dħul.

23. *Prattika rakkomandata*

Fuq it-talba tad-dikjarant, u għal raġunijiet meqjusa validi mill-awtoritajiet doganali, ta' l-aħħar għandhom jestendu limitu ta' żmien preskritt għall-preżentazzjoni tad-dikjarazzjoni tal-merkanzija.

24. *Prattika rakkomandata*

Id-dikjarant għandu jkun awtorizzat jippreżenta dikjarazzjoni tal-merkanzija għall-użu fid-dar f'uffiċċju doganali kompetenti qabel ma l-merkanzija tasal l-uffiċċju.

*Nota*

L-Awtorità tista' wkoll tingħata għall-preżentazzjoni tad-dikjarazzjoni qabel ma' l-merkanzija tasal fit-territorju doganali.

(ċ) Il-preżentazzjoni perjodika tad-dikjarazzjonijiet

25. *Prattika rakkomandata*

Meta l-merkanzija hija importata frekwentement mill-istess persuna, l-awtoritajiet doganali għandhom jippermettu li dikjarazzjoni tal-merkanzija waħda tkopri l-importazzjonijiet kollha minn dik il-persuna f'perjodu speċifiku.

*Noti*

1. L-awtoritajiet doganali jistgħu jagħmlu l-faċilità soġġetta għall-kondizzjoni li l-importatur iżomm rekords kummerċjali kif suppost (eż., permezz ta' kompjuters) u li jittieħdu l-miżuri neċessarji tal-kontroll.

2. Jekk l-awtoritajiet doganali jagħtu din il-faċilità, jistgħu jitolbu li d-dikjarant jipproduċi, ma' kull importazzjoni, dokument kummerċjali jew uffiċjali (fattura kummerċjali, *waybill*, nota ta' kunsinna, eċċ.) li jagħti d-dettalji ewlenija tal-kunsinna kkonċernata.

(d) Il-preżentazzjoni tad-dikjarazzjoni tal-merkanzija barra s-sigħat tax-xogħol ta' l-uffiċċju doganali

26. *Standard*

Id-dikjarazzjoni tal-merkanzija għandha tkun preżentata matul is-sigħat tax-xogħol ta' l-ufiċċju doganali kompetenti.

27. *Prattika rakkomandata*

Fuq it-talba tad-dikjarant, u għal raġunijiet meqjusa validi mill-awtoritajiet doganali, ta' l-aħħar għandhom, sa fejn hu possibbli, jippermettu li d-dikjarazzjoni tal-merkanzija tiġi ppreżentata barra s-sigħat tax-xogħol ta' l-uffiċċju doganali kompetenti; kull spejjeż li dan jirrikjedi li jistgħu jintalbu mid-dikjarant.

**L-Aċċettazzjoni tad-dikjarazzjoni tal-merkanzija**

28. *Standard*

Dikjarazzjoni tal-merkanzija għandha titqies aċċettata meta l-uffiċċju doganali fejn kienet ppreżentata jkun aċċerta li jkollha d-dettalji kollha neċessarja u tkun akkumpanajata mid-dokumenti kollha meħtieġa.

29. *Standard*

Meta l-awtoritajiet doganali ma jistgħux jaċċettaw dikjarazzjoni tal-merkanzija għall-użu fid-dar ippreżentata f'uffiċċju doganali, għandhom jistqarru r-raġunijiet lid-dikjarant.

*Nota*

Dikjarazzjoni tal-merkanzija tista' tiġi rifjutata, per eżempju, meta l-uffiċċju doganali ma jkollux il-kompetenza neċessarja jew meta l-jonju tal-prodott immedjat tad-dokumenti nieqsin hu meqjus essenzali.

**L-eżami tad-dikjarazzjoni tal-merkanzija**

30. *Standard*

L-eżami tad-dikjarazzjoni tal-merkanzija għandu jsir kemm jista' jkun wara li d-dikjarazzjoni tkun ġiet aċċettata.

31. *Standard*

Għall-iskop ta' l-eżami tad-dikjarazzjoni tal-merkanzija l-awtoritajiet doganali għandhom biss jieħdu l-azzjoni li jqisu essenzali biex tassigura konformità għal-liġijiet u r-regolamenti li għall-infurzar tagħhom d-dwana huma responsabbli.

*Nota*

Bħala regola ġenerali, id-dwana:

— jissodisfaw rwieħhom li l-intestatura tariffarja murija tikkorrispondi għad-deskrizzjoni tal-merkanzija u li r-rati tad-dazji fuq l-importazzjoni u t-taxxi indikati huma dawk fis-seħħ,

— jeżaminaw li d-dettalji fid-dikjarazzjoni tal-merkanzija jaqblu ma' dawk fid-dokumenti prodotti, b'mod partikolari fejn għandha x'taqsam l-identifikazzjoni tal-pakketti u l-kwantità u l-valur tal-merkanzija dikjarata,

— jeżaminaw l-awtentiċità u l-validità tad-dokumenti prodotti f'appoġġ tad-dikjarazzjoni.

**L-Eżami tal-merkanzija**

(a) Ħin meħtieġ għall-eżami tal-merkanzija

32. *Standard*

Fejn l-awtoritajiet doganali jiddeċiedu li l-merkanzija ddikjarata għall-użu fid-dar għandha tiġi eżaminata l-eżami għandu jsir kemm jista' jkun wara li d-dikjarazzjoni tal-merkanzija tkun ġiet aċċettata.

33. *Prattika rakkomandata*

Għandha tingħata prijorità lill-eżami ta' annimali ħajjin, merkanzija li tmur u kunsinni oħrajn urġenti.

34. *Prattika rakkomandata*

Jekk il-merkanzija għandha tiġi wkoll spezzjonata minn awtoritajiet kompetenti oħrajn (għall-iskop ta' l-applikazzjoni ta' kontrolli veterinarji,

tas-saħħa, pitopatoloġiċi, eċċ.) id-dwana għandha, fejn prattiku, twettaq l-eżami tagħhom fl-istess ħin.

*Nota*

L-awtoritajiet doganali jistgħu jitolbu li l-merkanzija tiġi eżaminata minn awtoritajiet kompetenti oħrajn tkun dikjarata fl-uffiċċji doganali maħtura għal dak l-iskop.

(b) L-Eżami tal-merkanzija barra s-sigħat tax-xogħol fl-uffiċċju doganali

35. *Standard*

Fuq it-talba tad-dikjarant, u għal raġunijiet meqjusa validi mill-awtoritajiet doganali, ta' l-aħħar għandhom, sa fejn hu possibbli, jippermettu li merkanzija dikjarata għall-użu fid-dar tiġi eżaminata barra s-sigħat tax-xogħol ta' l-uffiċċju doganali; l-ispejjeż involuti minn dan l-eżami jistgħu jintalbu mid-dikjarant.

*Nota*

L-eżami barra s-sigħat tax-xogħol ta' l-uffiċċju doganali jista' jiġi rranġat għal, eż. affarijiet li jmorru, annimali ħajjin u kunsinni oħrajn urġenti.

(ċ) Eżamijiet ta' merkanzija f'post xort' oħra mill-uffiċċju doganali

36. *Standard*

Fuq it-talba tad-dikjarant, u għal raġunijet meqjusa validi mill-awtoritajiet doganali, ta' l-aħħar għandhom, sa fejn hu possibbli, jippermettu li merkanzija dikjarata għall-użu fid-dar tkun eżaminata f'post xort' oħra mill-uffiċċju doganali fejn id-dikjarazzjoni tal-merkanzija kienet ippreżentata; l-ispejjeż involuti minn dan l-eżami jistgħu jiġu mħallsa mid-dikjarant.

*Noti*

1. Il-Merkanzija tista' tiġi eżaminata skond iċ-ċirkostanzi, fil-post tal-persuna kkonċernata, f'postijiet b'tagħmir xieraq, fi kull post fiż-żona ta' sorveljanza doganali jew f'uffiċċju doganali ta' xort' oħra minn dak fejn id-dikjarazzjoni tal-merkanzija kienet ippreżentata.

2. F'każijiet fejn jistgħu jsiru arranġamenti għal eżami f'post ta' xort oħra mill-uffiċċju doganali fejn id-dikjarazzjoni tal-merkanzija kienet preżentata jinkludu:

— merkanzija li ma tistax tiġi eżaminata sakemm tinħatt fid-destinazzjoni (per eżempju: qamħ, żejt jew minerali importati bil-vapur jew bil-barkun; kunsinni bl-ingrossa ta' partijiet *f'containers*; għamara u affarijiet tad-dar importati fuq trasferiment ta' residenza),

— merkanzija li ma tistax tiġi eżaminata mingħajr tagħmir xieraq (bħal kamra mdallma jew kamra tal-kesħa),

— merkanzija li ma tistax b'mod utli tkun meħtieġa tiġi prodotta f'uffiċċju doganali (per eżempju, prodotti akkwistati mix-xogħol ta' artijiet fuq fruntieri jew barrieri ħdejn il-fruntiera, importati bl-iqsar rotta).

(d) Il-Preżenza tad-dikjarant fl-eżami tal-merkanzija

37. *Standard*

Id-dikjarant għandu jkollu d-dritt jattendi jew ikun rappreżentat fl-eżami tal-merkanzija. Jekk l-awtoritajiet doganali jqisuh utli, jistgħu jeħtiġuh ikun preżenti jew ikun rappreżentat fl-eżami tal-merkanzija sabiex jista' jagħti lid-dwana xi assistenza neċessarja biex ikun iffaċilitat l-eżami.

*Noti*

1. Id-dikjarant jista' jkun meħtieġ jiġbor il-pakketti, jiftagħhom, jirranġahom skond id-deskrizzjoni u jqabbilhom.

2. Jekk il-merkanzija dikjarata għall-użu fid-dar hija perikoluża, delikata jew fraġili, id-dikjarant jista' jkun meħtieġ jipprovdi esperti biex jassistu lid-dwana.

3. Id-dikjarant jista' wkoll ikun meħtieġ iforni lid-dwana bl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tal-merkanzija mportata.

(e) Il-kobor ta' l-eżami tal-merkanzija

38. *Standard*

Meta jeżaminaw il-merkanzija, l-awtoritajiet doganali jistgħu biss jieħdu dik l-azzjoni li jqisu neċessarja biex jassiguraw konformità mal-liġijiet u r-regolamenti li għall-infurzar tagħhom id-dwana huma responsabbli.

*Noti*

1. L-eżami tal-merkanzija jista' jkun jew sommarju jew iddettaljat. F'eżami sommarju d-dwana tista' twettaq ftit, imma mhux neċessarjament kollha, mill-eżamijiet li ġejjin - il-kont tal-pakketti, in-notifikazzjoni tal-marki u n-numri tagħhom u l-aċċertazzjoni tad-deskrizzjoni tal-merkanzija. Eżami ddettaljat jinvolvi ispezzjoni ddettaljata tal-merkanzija biex tiddetermina eżatt kemm jista 'jkun il-kompożizzjoni, il-kwantità, l-intestatura tarif-farja, il-valur u, fejn neċessarju, l-oriġini tagħhom.

2. Hu rikjest eżami ddettaljat tal-merkanzija, b'mod partikolari, meta l-awtoritajiet doganali mhumiex sodisfatti dwar l-eżattezza tad-dettalji forniti fid-dikjarazzjoni jew fid-dokumenti ta' appoġġ.

3. Merkanzija sottomessa għal dazji ta' l-importazzjoni u/jew taxxi għoljin tista' tkun regolarment soġġetta għal eżami ddettaljat.

39. *Prattika rakkomandata*

L-awtoritajiet doganali għandhom fl-iktar każijiet possibbli jkunu kuntenti b'eżami sommarju tal-merkanzija dikjarata għall-użu fid-dar.

*Nota*

Eżami sommarju jista' jiġi kkunsidrat suffiċjenti, per eżempju, meta l-merkanzija ta' l-istess deskrizzjoni hija importata frekwentement minn persuna magħrufa mid-dwana li hi ta' min joqgħod fuqha, meta l-eżattezza tad-dettalji mogħtija fid-dikjarazzjoni tista' tiġi eżaminata kontra d-dokumenti ta' l-appoġġ jew kontra evidenza oħra, jew meta d-dazji u t-taxxi ta' l-importazzjoni involuti huma baxxi.

40. *Prattika rakkomandata*

Meta l-awtoritajiet doganali jwettqu eżami ddettaljat tal-merkanzija murija f'dikjarazzjoni li għandha x' taqsam ma' kunsinna li tikkonsisti f'ħafna pakketti u koperta b'lista ta' l-ippakkjar jew dokument simili oħra, dan l-eżami għandu normalment jittieħed fuq bażi ta' inzertatura (*random*).

*Nota*

L-awtoritajiet doganali jistgħu jiddeċiedu, wara li jikkunsidraw l-*istaff* disponibbli, li kunsinni ta' merkanzija dikjarata għall-użu fid-dar ikunu soġġetti għal eżami ddettaljat b'teknika selettiva.

(f) It-Teħid ta' kampjuni mid-dwana

41. *Standard*

Għandhom jittieħdu kampjuni biss fejn ikun meqjus neċessarju mill-awtoritajiet doganali biex tiġi stabbilita d-deskrizzjoni u/jew il-valur ta' merkanzija dikjarata għall-użu fid-dar jew biex tiġi assigurata l-applikazzjoni ta' disposizzjonijiet oħrajn ta' leġislazzjoni nazzjonali. Dawk il-kampjuni meħuda għandhom ikunu kemm jista' jkun żgħar.

**Żbalji fid-dikjarazzjoni**

42. *Standard*

Jekk l-awtoritajiet doganali jsibu li żbalji fid-dikjarazzjoni tal-merkanzija jew fl-istima tad-dazji u t-taxxi ta' l-importazzjoni jikkawżaw jew ikkawżaw il-ġbir ta' ammont ta' dazji u taxxi ta' l-importazzjoni ikbar minn dak li legalment kellu jitħallas għandhom iħallsu lura l-ammont mitlub żejjed, jew għandhom jinfurmaw lid-dikjarant sabiex ikun jista' jemenda d-dikjarazzjoni jew jippreżenta talba għal ħlas lura jew għar-renunzja, skond il-każ.

43. *Standard*

Jekk l-awtoritajiet doganali jsibu li żbalji fid-dikjarazzjoni tal-merkanzija jinvolvu l-obbligu għal dazji u taxxi addizzjonali fuq l-importazzjoni, il-produzzjoni ta' dokumenti addizzjonali ta' appoġġ jew l-applikazzjoni ta' liġijiet jew regolamenti addizzjonali, u ma hemm ebda evidenza ta' intenzjoni illegali, għandhom jinfurmaw lid-dikjarant mingħajr dewmien. Meta huma sodisfatti li l-iżbalji kienu innoċenti u li ma kienx hemm negliġenza kbira fuq il-parti tad-dikjarant, għandhom iħalluh jemenda d-dikjarazzjoni tiegħu u jtemm il-formalitajiet addizzjonali neċessarji mingħajr ma jimponu penali.

44. *Standard*

Il-Leġislazzjoni nazzjonali għandha tipprovdi li fejn żbalji li jinstabu fid-dikjarazzjoni tal-merkanzija jew fl-istima tad-dazji u t-taxxi fuq l-importazzjoni jinvolvu jew il-ġbir ta' dazji u taxxi addizzjonali ta' l-importazzjoni f'ammont meqjus negliġibbli, jew ir-rifużjoni ta' dan l-ammont, id-dwana m'għandhiex tiġbor jew tagħti lura dak l-ammont.

**Stima tad-dazji u t-taxxi fuq l-importazzjoni**

(a) Fatturi li għandhom jiġu kkunsidrati

45. *Standard*

Il-Leġislazzjoni nazzjonali għandha tispeċifika l-fatturi li fuqhom huma bbażati d-dazji u t-taxxi fuq l-importazzjoni u l-kondizzjonijiet li taħthom dawn il-fatturi huma determinati.

*Noti*

1. Il-fatturi li fuqhom l-istima tad-dazji u t-taxxi fuq l-importazzjoni huma bbażati huma ġeneralment dawn li ġejjin:

— il-klassifika tariffarja,

— il-valur jew il-kwantità, skond jekk id-dazji u t-taxxi fuq l-importazzjoni applikabbli huma *ad valorem* jew speċifiċi,

— il-pajjiż ta' l-oriġini jew il-pajjiż fejn ikkunsinnati, meta l-obbligu jiddependi fuq dawn il-fatturi.

2. Ir-regoli għad-determinazzjoni tal-klassifika tariffarja, il-valur jew il-kwantità bid-dazju, u l-oriġini jistgħu jitqiegħdu f'noti ta' spjegazzjoni mfassla mill-awtoritajiet kompetenti.

(b) Ir-rati tad-dazji u t-taxxi fuq l-importazzjoni applikabbli

46. *Standard*

Ir-rati tad-dazji u t-taxxi ta' l-importazzjoni li għandhom jitħallsu fuq merkanzija meħuda għall-użu fid-dar għandhom jitqiegħdu f'tariffi uffiċjali li għandhom jingħataw pubbliċità adegwata.

47. *Standard*

Il-leġislazzjoni nazzjonali għandha tispeċifika ż-żmien li għandu jittieħed in konsiderazzjoni għall-iskop tad-determinazzjoni tar-rati tad-dazji u t-taxxi fuq l-importazzjoni li għandhom jitħallsu fuq merkanzija dikjarata għall-użu fid-dar.

*Nota*

Iż-żmien meħud f'konsiderazzjoni għad-determinazzjoni tar-rati li għandhom jitħallsu jista' jkun, per eżempju, iż-żmien meta tasal il-merkanzija, iż-żmien meta d-dikjarazzjoni tal-merkanzija hi preżentata, iż-żmien meta d-dikjarazzjoni hi aċċettata mid-dwana, iż-żmien meta d-dazji u t-taxxi fuq l-importazzjoni huma mħallsa, jew ż-żmien meta l-merkanzija hi rilaxxata.

## Il-Ħlas tad-dazji u t-taxxi fuq l-importazzjoni

(a) Il-Metodi ta' ħlas aċċettati

48. *Standard*

Il-leġislazzjoni nazzjonali għandha tispeċifika l-metodi li jistgħu jintużaw biex iħallsu d-dazji u t-taxxi fuq l-importazzjoni li għandhom jitħallsu.

49. *Prattika rakkomandata*

L-awtoritajiet doganali għandhom jippermettu l-ħlas f'xort' oħra għajr flus kontanti.

*Noti*

1. Metodi awtorizzati ta' ħlas għajr flus kontanti jistgħu jinkludu ċekkijiet bankarji jew postali, pagamenti jew trasferimenti ta' flus.

2. Jekk ċekkijiet ta' bank barrani huma aċċettati jista' jkun meħtieġ li l-bank ikollu uffiċċju fil-pajjiż ta' l-importazzjoni.

(b) Id-Data u l-post tal-ħlas

50. *Standard*

L-awtoritajiet doganali għandhom jiddeterminaw id-data meta l-ħlas ta' l-ammont tad-dazji u t-taxxi fuq l-importazzjoni hu dovut u l-post fejn il-ħlas għandu jsir.

*Noti*

1. Id-dazji u t-taxxi fuq l-importazzjoni huma normalment imħallsa fl-uffiċċju doganali fejn id-dikjarazzjoni tal-merkanzija kienet preżentata. Il-Ħlas jista' wkoll isir permezz ta' aġenzija jew uffiċċju ieħor maħtura mill-awtoritajiet doganali.

2. Id-dazji u t-taxxi ta' l-importazzjoni huma ġeneralment meħtieġa li jitħallsu meta d-dikjarazzjoni tal-merkanzija hi preżentata jew aċċettata jew qabel ma l-merkanzija tiġi rilaxxata. F'ċerti ċirkostanzi, il-ħlas jista' jiġi diferit.

(ċ) Il-Ħlas diferit tad-dazji u t-taxxi fuq l-importazzjoni

51. *Prattika rakkomandata*

Persuni li regolarment jikklerjaw merkanzija għall-użu fid-dar għandhom ikunu awtorizzati jiddeferixxu l-ħlas tad-dazji u t-taxxi fuq l-importazzjoni mingħajr ħlasijiet ta' interessi.

*Noti*

1. Persuna mogħtija l-benefiċċju ta' din il-faċilità tista' tkun meħtieġa tforni sigurtà f'ammont determinat mill-awtoritajiet doganali.

2. Kull persuna li tixtieq tiddeferixxi l-ħlas tista' tkun meħtieġa tissottometti applikazzjoni bil-miktub lid-dwana.

52. *Prattika rakkomandata*

Jekk hi meħtieġa s-sigurtà għall-ħlas diferit, persuni li regolarment jikklerjaw merkanzija għall-użu fid-dar f'uffiċċji doganali differenti fit-territorju doganali għandhom ikunu awtorizzati jipprovdu sigurtà ġenerali.

53. *Prattika rakkomandata*

L-ammont tas-sigurtà li għandu jkun provdut għall-ħlas diferit m'għandux jaqbeż l-ammont tad-dazji u t-taxxi fuq l-importazzjoni li potenzalment għandu jitħallas fejn għandha x'taqsam il-merkanzija importata matul il-perjodu li għalih il-ħlas tad-dazji u t-taxxi fuq l-importazzjoni hu diferit.

*Nota*

L-awtoritajiet doganali jistgħu jiddeterminaw l-ammont tas-sigurtà fuq il-bażi ta' l-ammont tad-dazji u t-taxxi fuq l-importazzjoni mħallsa tul perjodu preċedenti ta' l-istess tul. Fil-każ ta' tibdiliet f'per eżempju, ir-rati applikabbli jew fil-volum ta' l-importazzjonijiet, l-ammont tas-sigurtà jista' jiġi aġġustat kif xieraq.

54. *Standard*

Kull persuna meħtieġa tipprovdi sigurtà għal ħlas diferit għandha tkun imħollija tagħżel kull forma ta' sigurtà preskritta mil-leġislazzjoni nazzjonali li hija l-iktar konvenjenti għaliha.

55. *Prattika rakkomandata*

Il-perjodu li għalih il-ħlas tad-dazji u t-taxxi fuq l-importazzjoni jista' jiġi diferit għandu jkun mill-inqas 14-il jum wara d-data meta l-ħlas ta' l-ammont tad-dazji u t-taxxi fuq l-importazzjoni li għandu jitħallas hu xort'oħra dovut.

*Noti*

1. Perjodi differenti jistgħu jiġu ffissati għal kull tip ta' taxxa.

2. L-awtoritajiet doganali jistgħu jiftiehmu li d-dazji u t-taxxi fuq l-importazzjoni fejn għandhom x'jaqsmu l-importazzjonijiet matul perjodu għandhom jitħallsu f'data fissa.

(d) Xiehda tal-ħlas

56. *Standard*

Meta d-dazji u t-taxxi fuq l-importazzjoni jkunu ġew imħallsa rċevuta li tikkostitwixxi xiehda tal-ħlas għandha tinħareġ lil min iħallas.

*Nota*

L-irċevuta tista’ tingħata fuq il-kopja tad-dikjarazzjoni tad-dikjarant.

(e) Perjodu ta’ limitazzjoni għall-ġbir tad-dazji u t-taxxi fuq l-importazzjoni

57. *Standard*

Il-leġislazzjonali nazzjonali għandha tispeċifika l-perjodu li fi żmienu l-awtoritajiet doganali jistgħu jieħdu azzjoni legali biex jiġbru dazji u taxxi fuq l-importazzjoni mhux imħallsa meta dovut.

(f) L-Interessi fuq l-arretrati

58. *Standard*

Il-leġislazzjoni nazzjonali għandha tiddetermina r-rata ta’ interess li għandha titħallas fuq ammonti ta’ dazji u taxxi ta’ l-importazzjoni li ma tħallsux meta dovut u l-kondizzjonijiet ta’ l-applikazzjoni ta’ dan l-interess.

**It-Tħollija tal-merkanzija**

59. *Standard*

Merkanzija dikjarata għall-użu fid-dar għandha titħalla kif l-awtoritajiet doganali jkunu eżaminawha, jew iddeċidew li ma jeżaminawhiex, sakemm ma tinstab ebda offiża u kull dazji u taxxi li kellhom jitħallsu jkunu tħallsu jew azzjoni approprjata tkun ittieħdet biex tassigura l-ġabra tagħha.

60. *Prattika rakkomandata*

Jekk l-awtoritajiet doganali huma sodisfatti li d-dikjarant sussegwentement iwettaq il-formalitajiet kollha fejn għandu x’jaqsam il-*clearance* għall-użu fid-dar għandhom iħallu l-merkanzija, sakemm id-dikjarant jipproduċi dokument kummerċjali jew uffiċjali li jagħti d-dettalji ewlenija tal-kunsinna kkonċernata u li jkun aċċettabbli għad-dwana.

*Noti*

1. L-awtoritajiet doganali jistgħu jagħmluha kondizzjoni għat-tħollija li d-dokumenti li jappoġġaw meqjusa essenzali jkunu ġew prodotti u li l-kontrolli previsti fil-leġislazzjoni nazzjonali (il-kontrolli veterinarji, tas-saħħa, pitopatoloċi eċċ.,) ikunu ġew imwettqa mill-awtoritajiet kompetenti.

2. Id-dikjarant jista’ jkun meħtieġ iforni sigurtà biex jassigura konformità għall-impriżi tiegħu lid-dwana.

61. *Prattika rakkomandata*

Meta l-merkanzija ma tistax tiġi eżaminata mill-ewwel, per eżempju meta l-esperti jkollhom jissejħu jew meta l-merkanzija għandha tiġi analizzata f’laboratorji speċjalizzati, u l-eżami hu possibbli fuq il-bażi ta’ kampjuni jew dokumentazzjoni teknika dettaljata, l-awtoritajiet doganali m’għandhomx jistennew biex l-eżami jiġi kompletat qabel ma titħalla l-merkanzija.

*Nota*

L-awtoritajiet doganali jistgħu jippermettu rilaxx fuq kondizzjoni li s-sigurtà hi fornita biex jassiguraw li jinġabru dazji u taxxi addizzjonali li jista’ jkollhom jiġu mħallsa.

62. *Prattika rakkomandata*

Meta tiġi skoperta offiża matul l-eżami tad-dikjarazzjoni tal-merkanzija jew tad-dokumenti annessi jew matul l-eżami tal-merkanzija, l-awtoritajiet doganali m’għandhomx jistennew biex l-offiża tiġi regolarizzata qabel ma titħalla l-merkanzija, sakemm id-dikjarant iforni sigurtà biex jassigura l-ġabra tad-dazji u t-taxxi addizzjonali fuq l-importazzjoni u l-penali li għalihom għandu jirrispondi u l-merkanzija ma tkunx tista’ tiġi konfiskata.

**Id-Distruzzjoni jew l-abbandun tal-merkanzija**

63. *Prattika rakkomandata*

B’kondizzjoni li ebda offiża ma tkun ġiet skoperta matul l-eżami tad-dikjarazzjoni jew l-eżami tal-merkanzija, id-dikjarant jew il-persuna interessata m’għandhomx ikunu meħtieġa jħallsu d-dazji u t-taxxi jew għandhom ikunu intitolati għal ħlas lura tagħhom:

— meta fuq it-talba tagħhom il-merkanzija li ġiet dikjarata għall-użu fid-dar imma li ma tħallhietx hi abbandunata minħabba Dħul jew distrutta jew miġjuba kummerċjalment mingħajr valur skond il-kontroll doganali, kif jistgħu jiddeċiedu l-awtoritajiet doganali. Dan l-abbandun jew id-distruzzjoni m’għandu jinvolvi ebda spiża lid-Dħul,

— meta l-merkanzija li ġiet dikjarata għall-użu fid-dar hi distrutta jew irrevokabbilment mitlufa b’inċident jew forza maġġuri, sakemm din id-distruzzjoni jew telfa sseħħ qabel ma l-merkanzija hi rilaxxata u hi stabbilita kif dovut għas-sodisfazzjoni ta’ l-awtoritajiet doganali.

Kull skart jew fdal li jibqa' wara d-distruzzjoni għandu jħallas, jekk jiġi meħud għall-użu fid-dar, id-dazji u t-taxxi fuq l-importazzjoni li jkunu applikabli għal dan l-iskart jew fdal impurtat f'dak l-Istat.

*Nota*

Meta tkun ġiet skoperta offiża, l-awtoritajiet doganali jistgħu jippermettu din il-faċilità soġġetta għall-ħlas tal-penali mqiegħda fil-leġislazzjoni nazzjonali.

64. *Prattika rakkomandata*

Meta l-awtoritajiet doganali jbigħu merkanzija li ma ġietx dikjarata fiż-żmien permess jew ma setgħetx tiġi mħollija għalkemm ebda offiża ma ġiet skoperta, il-qligħ li jsir mill-bejgħ, wara t-tnaqqis tad-dazji u t-taxxi fuq l-importazzjoni u l-ħlasijiet u l-ispejjeż l-oħrajn kollha akkumulati, għandhom isiru lill-persuna(i) intitolata/i li j/tirċeviehom, meta dan hu possibbli, jew jinżammu għad-disposizzjoni tagħha/hom għal perjodu speċifikat.

*Nota*

Din il-proċedura tista' tiġi segwita, b'mod partikolari, meta dikjarazzjoni tal-merkanzija tkun ġiet aċċettata imma d-dikjarant ma kienx jista' jħallas id-dazji u t-taxxi fuq l-importazzjoni u ma jkunx talab li l-merkanzija tkun mogħtija lil proċedura oħra doganali.

**Informazzjoni li tikkonċerna l-approvazzjoni għall-użu fid-dar.**

65. *Standard*

L-awtoritajiet doganali għandhom jassiguraw li l-informazzjoni rilevanti kollha li tikkonċerna l-approvazzjoni għall-proċedura ta' l-użu fid-dar tkun mill-ewwel disponibbli għal kull persuna interessata.

*Appendiċi 1 ma l-Anness B.1*

**IL-KJAVI TAL-PRESENTAZZJONI**

**għad-dikjarazzjoni tal-merkanzija għall-użu fid-dar**

<table>
<tr><td rowspan="1">(Ir-rimi ħieles)</td><td colspan="2">In-Nru tad-dikjarazzjoni<br><br>L-Uffiċċju Doganali</td></tr>
<tr><td>L-Importatur (l-isem u l-indirizz)</td><td colspan="2">Id-Dikjarant (l-isem u l-indirizz)</td></tr>
<tr><td rowspan="4">(Ir-rimi ħieles)</td><td>Il-Pajjiż fejn ikkunsinnati</td><td>In-Nru tal-liċenzja ta' l-importazzjoni</td></tr>
<tr><td>Il-Pajjiż ta' l-oriġini</td><td>Il-Preferenza dikjarata</td></tr>
<tr><td colspan="2">Dokumenti oħrajn annessi</td></tr>
<tr><td colspan="2" rowspan="2">(Ir-rimi ħieles)</td></tr>
<tr><td>Il-Mod tat-trasport u l-identifikazzjoni tal-mezztat-trasport</td></tr>
<tr><td colspan="3">Id-Deskrizzjoni tal-pakketti (marki u numri, numru u xorta); id-deskrizzjoni tal-merkanzija; il-piż gross</td></tr>
<tr><td colspan="3">L-Intestatura tariffarja, in-Nru statistiku, il-piż nett, il-kwantità, il-valur li fuqu għandu jitħallas id-dazju, ix-xorta, ir-rati u l-ammont ta' dazji u taxxi<br><br>(Ir-rimi ħieles)<br><br>Il-Post u d-data<br><br>Il-firma tad-dikjarant</td></tr>
</table>

*Appendiċi II ma l-Anness B.1*

*Noti*

1. Id-daqs tal-kjavi tal-preżentazzjoni huwa ISO daqs A4 (210 × 297 mm, 8,27 × 11,69 pulzieri). Il-forma għandha tkun provduta b'marġini fuq ta' 10-mm u marġini għall-organizzazzjoni fuq ix-xellug ta' 20-mm. L-ispazju bejn il-linji għandu jkun ibbażat fuq multipli ta' 4,24 mm (1/6 pulzier) u bi spazju tal-wisa' fuq multipli ta' 2,54 mm (1/10 pulzier). Il-preżentazzjoni għandha tkun konformi mal-kjavi tal-preżentazzjoni tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa (KEE), kif muri fl-Appendiċi I. Devjazzjonijiet minuri fid-daqs eżatt ta' kaxxi eċċ., huma permessibbli jekk meħtieġ għal raġunijiet partikolari fil-pajjiż tal-ħruġ, bħall-eżistenza ta' sistemi ta' kejl mhux metriċi, fatturi ta' sistemi nazzjonali allineati tad-dokumenti, eċċ.

2. Il-Pajjiżi jistgħu jiddeterminaw l-i*standards* li jikkonċernaw il-piż għal kull metru kwadru tal-karta, u l-użu ta' *machine-turned background* biex tiġi evitata l-falsifikazzjoni.

3. L-istandardizzazzjoni tinkludi biss kwistjonijiet dwar daqs u preżentazzjoni; kliem ta' gwida inklużi fil-kjavi tal-preżentazzjoni huma maħsuba biss biex jindikaw ix-xorta ta' l-informazzjoni li għandha tidher f'post partikolari. Għalhekk kull pajjiż jibqa' ħieles li jissostitwixxi dan il-kliem fil-forma nazzjonali tiegħu b'dak il-kliem li hu jikkonsidra iktar xieraq sakemm dan il-kliem ma jaffettwax ix-xorta ta' l-informazzjoni kif indikat fil-kjavi tal-preżentazzjoni.

4. B'żieda ma dan *sta* għall-amministrazzjonijiet li jħallu barra mill-formoli tagħhom oġġetti fil-kjavi tal-preżentazzjoni li ma jeħtieġux. L-ispazji li għalhekk isiru vojta jistgħu jkunu użati għal skopijiet uffiċjali.

5. Oġġetti addizzjonali meħtieġa mill-amministrazzjonijiet li m'humiex previsti fil-kjavi tal-preżentazzjoni jistgħu jkunu allokati fl-"ispazju ħieles għar-rimi".

*ANNESS II*

ANNESS C. 1

**L-ANNESS LI JIKKONĊERNA L-ESPORTAZZJONI DIRETTA**

**Introduzzjoni**

L-esportazzjoni diretta tal-merkanzija ġeneralment tinvolvi formalitajiet relattivament sempliċi doganali. Waqt li normalment hi meħtieġa dikjarazzjoni tal-merkanzija, f'xi każijiet l-esportatur għandu biss jipproduċi lid-dwana document kummerċjali li jkollu fih l-informazzjoni meħtieġa dwar il-merkanzija li għandha tiġi esportata. Taħt ċerti kondizzjonijiet, l-esportatur jista' jkun awtorizzat li jippreżenta dikjarazzjoni waħda tal-merkanzija jew *return* konsolidat li jkopri l-esportazzjonijiet kollha tiegħu f'perjodu partikolari.

Barra mill-ġabra ta' xi dazji u taxxi ta' l-esportazzjoni applikabbli, l-iskopijiet tal-kontroll doganali huma, b'mod partikolari, biex ikun assigurat l-infurzar tal-leġislazzjoni nazzjonali li tikkonċerna l-projbizzjonijiet u r-restrizzjonijiet fuq l-esportazzjoni u biex jiġu eżaminati d-dettalji użati biex jiddeterminaw l-ammont ta' xi dazji u taxxi interni li minnhom jista' jkun permess ħlas lura jew tkun mogħtija eżenzjoni. B'żieda ma' dan, id-dwana huma normalment responsabbli għall-ġbir ta' l-informazzjoni meħtieġa għall-preparazzjoni ta' l-istatistiċi esterni tan-negozju.

Il-Merkanzija li għandha tiġi esportata tista' wkoll tkun soġġetta għal ċerti kontrolli minn awtoritajiet kompetenti ta' xort' oħra mid-dwana, per eżempju kontrolli veterinarji, pitopatoloġiċi u oħrajn tas-saħħa.

Dan l-Anness għandu x'jaqsam mad-diversi formalitajiet u miżuri (formalitajiet doganali) involuti fl-esportazzjoni diretta, irrispettivament mill-mod tat-trasport.

Skond id-definizzjoni ta' "esportazzjoni diretta", dan l-Anness m'għandux x'jaqsam mal-merkanzija esportata skond il-proċedura *drawback* jew skond proċedura ta' pproċessar jew bi ħlas lura ta' dazji u taxxi fuq l-importazzjoni. Lanqas ma jkopri merkanzija li tinġarr bil-posta jew f'bagalji tal-vjaġġaturi.

**Definizzjonijiet**

Għall-iskopijiet ta' dan l-Anness:

(a) il-kelma "esportazzjoni diretta" tfisser il-proċedura doganali applikabbli għall-merkanzija li, f'ċirkolazzjoni ħielsa, tħalli t-territorju doganali u hi intenzjonata li tibqa' barra b'mod permanenti, bl-esklużjoni ta' merkanzija esportata skond il-proċedura *drawback* jew skond proċedura ta' pproċessar jew bi ħlas lura tad-dazji u t-taxxi fuq l-importazzjoni;

(b) il-kelma "merkanzija f' ċirkolazzjoni ħielsa" tfisser merkanzija li tista' tintrema mingħajr restrizzjoni doganali;

(ċ) il-kelma "territorju doganali" tfisser territorju fejn il-liġi doganali ta' Stat tapplika b'mod intier;

(d) il-kliem "id-dazji u t-taxxi fuq l-esportazzjoni" jfissru d-dazji doganali u d-dazji, it-taxxi, il-miżati l-oħrajn kollha jew ħlasijiet oħrajn li huma miġbura fuq jew in konnessjoni ma' l-esportazzjoni tal-merkanzija imma li ma jinkludux miżati u ħlasijiet li huma limitati fl-ammont għall-ispiża bejn wieħed u ieħor tas-servizzi mogħtija;

(e) il-kliem "dikjarazzjoni tal-merkanzija" jfissru dikjarazzjoni magħmula fil-forma preskritta mid-dwana, li skondha l-persuni interessati jindikaw il-proċedura doganali li għandha tiġi applikata lill-merkanzija u jfornu d-dettalji li d-dwana teħtieġ li jkunu dikjarati għall-applikazzjoni ta' dik l-proċedura;

(f) il-kliem "l-eżami tal-merkanzija" jfissru l-ispezzjoni fiżika tal-merkanzija mid-dwana biex jissodisfaw rwieħhom li x-xorta, l-oriġini, il-kondizzjoni, il-kwantità u l-valur tal-merkanzija huma skond id-dettalji forniti fid-dikjarazzjoni tal-merkanzija;

(g) il-kelma "persuna" tfisser kemm persuni fiżiċi kif ġuridiċi, sakemm il-kuntest ma jirrikjedix mod ieħor.

**Il-Prinċipji**

1. *Standard*

L-esportazzjoni diretta għandha tkun iggvernata mid-disposizzjonijiet ta' dan l-Anness.

2. *Standard*

Il-Leġislazzjoni nazzjonali għandha tispeċifika l-kondizzjonijiet li għandhom jintemmu u l-formalitajiet doganali li għandhom isiru għall-esportazzjoni diretta.

*Noti*

1. Il-Leġislazzjoni nazzjonali tista' tinkludi projbizzjonijiet u restrizzjonijiet fejn għandha x'taqsam l-esportazzjoni ta' ċerti kategoriji ta' merkanzija.

2. L-obbligazzjonijiet li għandhom ikunu mitmuma f'konnessjoni ma' l-esportazzjoni diretta jinkludu, b'mod partikolari, il-preżentazzjoni ta' dokument ta' kopertura u l-ħlas ta' kull dazji u taxxi fuq l-esportazzjoni li għandhom jitħallsu.

**L-uffiċċji doganali kompetenti**

3. *Standard*

L-awtoritajiet doganali għandhom jaħtru l-uffiċċji doganali fejn il-merkanzija tista' tiġi *cleared* għall-esportazzjoni diretta. Fid-determinazzjoni tal-kompetenza ta' dawn l-uffiċċji u s-sigħat tax-xogħol tagħhom, il-fatturi li għandu jittieħed kont tagħhom għandhom jinkludu l-ħtiġiet partikolari tas-sengħa, ta' l-industrija u tat-trasport.

*Noti*

1. Il-kompetenza ta' ċerti uffiċċji doganali tista' tkun ristretta għal esportazzjonijiet b'ċerti modi ta' trasport jew għal kategoriji speċifikati ta' merkanzija jew għal merkanzija li tiġi minn reġjun speċifikat (eż. iż-żona tal-fruntiera jew żona industrijali).

2. L-awtoritajiet doganali jistgħu jeħtieġu li l-esportazzjoni diretta ta' ċerti kategoriji ta' merkanzija soġġetta għal miżuri speċjali ta' kontroll (eż., id-djamanti, l-antikitajiet, ix-xogħlijiet ta' l-arti) jew għal kontrolli minn awtoritajiet kompetenti oħrajn tkun effettwata fl-uffiċċji doganali maħtura għal dak l-iskop.

4. *Standard*

L-awtoritajiet doganali għandhom jippermettu li merkanzija għall-esportazzjoni diretta tiġi dikjarata fl-uffiċċji doganali fuq l-art.

*Noti*

1. Fejn ġustifikat miċ-ċirkostanzi, l-awtoritajiet doganali jistgħu jawtorizzaw li jitwaqqaf lok doganali fuq il-post ta' impriża kummerċjali.

2. L-Eżami tal-merkanzija, meta neċessarju, normalment jitwettaq fl-uffiċċju doganali fuq l-art fejn il-merkanzija kienet dikjarata għall-esportazzjoni diretta.

3. L-awtoritajiet doganali jistgħu jeħtieġu li l-merkanzija dikjarata għall-esportazzjoni diretta f'uffiċċju doganali fuq l-art tintbgħat lill-uffiċċju ta' l-eżitu fi transitu doganali.

5. *Standard*

Meta uffiċċji doganali korrispondenti jinstabu fuq fruntiera komuni, l-awtoritajiet doganali tal-pajjiżi kkonċernati għandhom, sa fejn hu possibbli, jikkorrelataw is-sigħat tax-xogħol u l-kompetenza ta' dawk l-uffiċċji.

**Il-*Clearance* tal-merkanzija barra s-sigħat tax-xogħol ta' l-uffiċċju doganali**

6. *Standard*

Fuq it-talba tad-dikjarant, u għal raġunijiet meqjusa validi mill-awtoritajiet doganali, dawn għandhom, sa fejn l-organizzazzjoni amministrattiva tippermetti, iħallu li merkanzija dikjarata għall-esportazzjoni diretta tiġi klerjata barra s-sigħat tax-xogħol ta' l-uffiċċju doganali; l-ispejjeż involuti minn dan il-*clearance* jistgħu jintalbu mingħand id-dikjarant.

**Id-dikjarant**

7. *Standard*

Il-Leġislazzjoni nazzjonali għandha tispeċifika l-kondizzjonijiet li taħthom persuna hi ntitolata taġixxi bħala dikjarant, il-kobor tar-responsabbiltà tagħha u d-drittijiet tagħha.

**Id-dokumentazzjoni li għandha tiġi sottomessa ma' l-esportazzjoni diretta.**

(a) Il-formola tad-dikjarazzjoni tal-merkanzija u l-kontenut

8. *Standard*

Il-formoli għad-dikjarazzjoni tal-merkanzija għall-esportazzjoni diretta għandhom jikkonformaw mal-mudell uffiċjali mqiegħed mill-awtoritajiet kompetenti.

L-awtoritajiet doganali għandhom jeħtieġu biss dawk id-dettalji li huma meqjusa neċessarji għall-istima u l-ġbir ta' kull dazji u taxxi fuq l-esportazzjoni, kull ħlas lura, jew eżenzjoni minn, dazji u taxxi interni, il-kompilazzjoni ta' statistiċi u l-applikazzjoni tal-liġijiet u r-regolamenti l-oħrajn li għall-infurzar tagħhom id-dwana hija responsabbli.

*Nota*

L-awtoritajiet doganali ġeneralment jeħtieġu:

(a) dettalji li għandhom x'jaqsmu ma' persuni:

— l-isem u l-indirizz tad-dikjarant,

— l-isem u l-indirizz ta' l-esportatur,

— l-isem u l-indirizz ta' min jiriċevi l-kunsinna;

(b) dettalji li għandhom x'jaqsmu mat-trapsort:

— il-mod tat-trasport,

— l-identifikazzjoni tal-mezz tat-trasport;

(ċ) dettalji li għandhom x'jaqsmu mal-merkanzija:

— il-pajjiż tad-destinazzjoni,

— id-deskrizzjoni tal-pakketti (il-marki u n-numri, in-numru u x-xorta),

— id-deskrizzjoni tal-merkanzija,

— il-piż gross,

— il-piż nett jew kwantità oħra,

— il-valur;

(d) dettalji għall-istima ta' kull dazji u taxxi li għandhom jitħallsu:

— l-intestatura tariffarja,

— ir-rati tad-dazji u t-taxxi fuq l-esportazzjoni,

— l-ammont tad-dazji u t-taxxi fuq l-esportazzjoni;

(e) dettalji oħrajn:

— in-numru tal-punt statistiku applikabbli għal kull deskrizzjoni tal-merkanzija,

— riferenza għal dokumenti sottomessi (per eżempju, il-liċenzja ta' l-esportazzjoni, ċertifikat tas-saħħa jew xort' oħra);

(f) il-post, id-data u l-firma tad-dikjarant.

9. *Prattika rakkomandata*

Meta l-awtoritajiet doganali jkunu qegħdin jikkunsidraw ir-reviżjoni tal-formoli preżenti jew il-preparazzjoni ta' formoli ġodda għad-dikjarazzjonijiet tal-merkanzija għall-esportazzjoni diretta, għandhom jużaw sa fejn hu possibbli l-kjavi tal-preżentazzjoni fl-Appendiċi I skond in-Noti fl-Appendiċi II.

(b) L-Aċċettazzjoni ta' dokument kummerċjali minflok formola uffiċjali

10. *Prattika rakkomandata*

L-awtoritajiet doganali għandhom, sa fejn hu possibbli, jipprovdu li, minflok jużaw il-formola uffiċjali, id-dikjarazzjoni tal-merkanzija tista' ssir billi jiġi jiddaħħal dokument kummerċjali (per eżempju, il-fattura) li jkollu d-dettalji neċessarji li għandhom x'jaqsmu mal-merkanzija li għandha tiġi esportata.

*Noti*

1. L-awtoritajiet doganali huma s-soltu sodisfatti b'dokument kummerċjali meta l-merkanzija li għandha tiġi esportata ma taqax taħt dazji u taxxi ta' l-esportazzjoni u ma tikkawżax il-ħlas lura ta' jew l-eżenzjoni minn dazji u taxxi interni u d-dikjarazzjoni tal-merkanzija mhijiex użata għall-kompilazzjoni ta' l-istatistiċi.

2. Ġiet adottata fi ħdan il-Kummissjoni Ekonomika Ewropea (KEE) rakkomandazzjoni fuq fattura ta' kjavi ta' preżentazzjoni alineata għall-kummerċ internazzjonali. Din il-kjavi ta' preżentazzjoni hi riprodotta fl-Appendiċi III.

3. L-awtoritajiet doganali jistgħu jaċċettaw dokumenti kummerċjali prodotti minn tekniċi awtomatiċi ta' l-ipproċessar tad-*data*.

11. *Prattika rakkomandata*

L-awtoritajiet doganali għandhom, fi ftehim ma' l-awtoritajiet l-oħrajn kompetenti fil-kwistjonijiet tal-kummerċ estern, jassiguraw li d-dokumenti kollha meħtieġa in konnessjoni ma' l-esportazzjoni diretta jistgħu jkunu nklużi f'serje *standard* ta' dokumenti tal-kummerċ estern.

*Nota*

Bl-użu ta' serje *standard* ta' dokumenti tal-kummerċ estern alineati fuq il-kjavi tal-preżentazzjoni tal-Kummissjoni Ekonomika Ewropea (jew kompatibbli magħha) l-informazzjoni komuni għal dawn id-dokumenti tista' tiġi riprodotta bil-metodu *one-run* fuq formoli stampati minn qabel jew vojta.

(ċ) In-Numru ta' kopji li għandhom jiġu sottomessi.

12. *Prattika rakkomandata*

L-awtoritajiet doganali għandhom inaqqsu, sa fejn hu possibbli, in-numru ta' kopji tad-dikjarazzjoni tal-merkanzija jew tad-dokument kummerċjali meħtieġ li jkun ippreżentar mid-dikjarant.

(d) Id-Dokumenti li għandhom jiġu sottomessi biex jappoġġaw id-dikjarazzjoni tal-merkanzija jew id-dokument kummerċjali

13. *Standard*

Biex jappoġġaw id-dikjarazzjoni tal-merkanzija jew id-dokument kummerċjali li għandu jkun ippreżentar mid-dikjarant, l-awtoritajiet doganali għandhom jeħtieġu biss dawk id-dokumenti li huma jikkunsidraw neċessarji biex jippermettu l-kontroll ta' l-operazzjoni u jassiguraw konformità mal-ħtiġijiet kollha li għandhom x'jaqsmu ma' l-applikazzjoni tar-restrizzjonijiet rilevanti jew regolamenti oħrajn.

*Nota*

L-awtoritajiet doganali jistgħu jeħtieġu, fejn xieraq, produzzjoni ta' liċenzja ta' l-esportazzjoni u ċertifikat pitopatoloġiku jew ieħor tas-saħħa.

(e) Il-preżentazzjoni perjodika tad-dikjarazzjoni tal-merkanzija jew tad-dokumenti kummerċjali

14. *Standard*

Meta persuna frekwentement tesporta l-merkanzija, l-awtoritajiet doganali għandhom jippermettu taħt dawk il-kondizzjonijiet li jistgħu jqiegħdu, dikjarazzjoni tal-merkanzija waħda, jew *return* konsolidat li jqiegħed id-dettalji neċessarji, biex ikopri l-esportazzjonijiet kollha minn dik il-persuna f'perjodu partikolari.

*Noti*

1. L-awtoritajiet doganali jistgħu jagħtu din il-faċilità soġġetta għall-kondizzjoni li l-esportatur iżomm rekords kummerċjali kif suppost u li jkunu jistgħu jittieħdu l-miżuri neċessarji tal-kontroll.

2. L-awtoritajiet doganali jistgħu jeħtieġu li d-dikjarant jipproduċi, ma' kull esportazzjoni, kopja tad-dokument tat-trasport jew xi dokument ieħor ta' appoġġ.

3. L-awtoritajiet doganali jistgħu jaċċettaw *returns* konsolidati prodotti minn tekniċi awtomatiċi ta' l-ipproċessar tad-*data*.

## L-Eżami tal-merkanzija

### (a) L-estensjoni ta' l-eżami

15. *Standard*

L-awtoritajiet doganali għandhom jillimitaw l-eżami tal-merkanzija għal każijiet fejn iqisuh essenzali biex tiġi assigurata konformità mal-liġijiet u r-regolamenti li għall-infurzar tagħhom id-dwana huma responsabbli.

*Nota*

L-eżami tal-merkanzija mill-awtoritajiet doganali, meta jittieħed, huwa b'mod ġenerali limitat għall-kont tal-pakketti u l-verifika tad-deskrizzjoni tal-merkanzija u l-kwantitajiet esportati.

### (b) L-Eżami tal-merkanzija f'post xort'oħra mill-uffiċċju doganali

16. *Standard*

Meta l-awtoritajiet doganali jeżaminaw il-merkanzija, għandhom, fuq it-talba tad-dikjarant, u għal raġunijiet meqjusa validi, jippermettu li jseħħ l-eżami, sa fejn hu possibbli, f'post xort' oħra mill-uffiċċju doganali; l-ispejjeż involuti f'dan l-eżami jistgħu jiġu mitluba mingħand id-dikjarant.

*Nota*

Il-merkanzija tista' tiġi eżaminata fuq il-post tal-persuna konċernata, f'ħin meta l-*container* jew il-mezz tat-trasport hu mgħobbi.

### (ċ) It-Teħid ta' kampjuni mid-dwana

17. *Standard*

Meta għandhom jittieħdu kampjuni biex tiġi assigurata l-applikazzjoni tad-disposizzjonijiet tal-leġislazzjoni nazzjonali, kwalunkwe kampjuni meħuda għandhom ikunu żgħar kemm jista' jkun.

## L-Istima u l-ħlas tad-dazji u t-taxxi fuq l-esportazzjoni li għandhom jitħallsu.

18. *Standard*

Il-Leġislazzjoni nazzjonali għandha tispeċifika r-regoli li għandhom jiġu segwiti, il-formalitajiet li għandhom jintemmu u l-faċilitajiet mogħtija in konnessjoni ma' l-istima u l-ħlas tad-dazji u t-taxxi fuq l-esportazzjoni li għandhom jitħallsu ma' l-esportazzjoni diretta.

## L-Esportazzjoni tal-merkanzija

### (a) Il-Permess għall-esportazzjoni

19. *Standard*

L-esportazzjoni tal-merkanzija għandha tkun permessa hekk kif il-kontrolli neċessarji mid-dwana u l-awtoritajiet kompetenti l-oħrajn ikunu ġew kompletati, sakemm:

— ma tkun instabet ebda offiża,

— il-liċenzja ta' l-esportazzjoni jew kull dokumenti oħrajn meħtieġa jkunu ġew prodotti, u

— id-dazji u t-taxxi fuq l-esportazzjoni li għandhom jitħallsu jkunu ġew imħallsa jew azzjoni xierqa tkun ittieħdet biex tassigura li jinġabru.

*Noti*

1. Merkanzija li mhijiex esportata immedjatament wara li l-esportazzjoni tkun ġiet permessa tista' titqiegħed taħt il-kontroll doganali sakemm hija infatti esportata.

2. Il-Pajjiżi jistgħu jispeċifikaw ir-rotot doganali, jiġifieri, it-toroq, il-linji tal-ferrovija, il-kanali u kull rotot oħrajn (*pipe lines* eċċ.) li għandhom jintużaw għall-esportazzjoni tal-merkanzija.

20. *Prattika rakkomandata*

L-esportazzjoni tal-merkanzija m'għandhiex tiġi ttardjata fuq il-bażi li d-dikjarazzjoni tal-merkanzija mhijiex kompluta jew irregolaritajiet minuri jkunu nstabu fid-dokumentazzjoni, sakemm l-interessi tad-Dħul, il-kontrolli essenzali jew il-projibizzjoniet jew restrizzjoniet fuq l-esportazzjoni fis-seħħ mhumiex efettwati.

### (b) Ix-Xiehda tal-wasla fid-destinazzjoni

21. *Standard*

L-awtoritajiet doganali m'għandhomx jeħtieġu xiehda tal-wasla tal-merkanzija barra bħala fatt.

*Noti*

1. In ġenerali, din ix-xiehda hi meħtieġa biss fejn għandha x'taqsam merkanzija li għaliha xiehda ta' l-esportazzjoni mhijiex disponibbli xort' oħra u li tikkwalifika għall-ħlas lura jew għall-eżenzjoni minn somma konsiderevoli ta' dazji u taxxi interni, u hemm raġuni li wieħed jibża' minn abbuż, jew fejn għandha x'taqsam ċertu merkanzija li hi soġġetta għall-kontrolli speċjali (per eżempju, l-armi u l-munizzjon).

2. Meta hi meħtieġa din ix-xiehda, tista' tikkonsisti f'dikjarazzjoni fornita minn min jirċievi l-kunsinna u ċċertifikata mill-awtoritajiet doganali fil-pajjiż tad-destinazzjoni.

(ċ) Il-Ħlas lura jew l-eżenzjoni mid-dazji u t-taxxi interni

22. *Standard*

Il-leġislazzjoni nazzjonali għandha tispeċifika regoli li għandhom jiġu segwiti u l-formalitajiet li għandhom isiru fejn għandu x'jaqsam kull ħlas lura jew eżenzjoni mid-dazji u t-taxxi interni.

23. *Prattika rakkomandata*

Merkanzija li, ma' l-esportazzjoni diretta, tikkwalifika għall-ħlas lura jew għall-eżenzjoni mid-dazji u t-taxxi interni għandha tibbenefika minn dan il-ħlas lura jew l-eżenzjoni kemm jista' jkun malajr wara l-esportazzjoni.

**Informazzjoni li tikkonċerna l-esportazzjoni diretta**

24. *Standard*

L-awtoritajiet doganali għandhom jassiguraw li l-informazzjoni rilevanti kollha li tikkonċerna l-esportazzjoni diretta tkun mill-ewwel disponibbli għal kull persuna interessata.

**IL-KJAVI TAL-PRESENTAZZJONI**

**Għad-dikjarazzjoni tal-merkanzija għall-esportazzjoni diretta**

| | | |
|---|---|---|
| L-Esportatur/Il-Kunsinnatur (l-isem u l-indirizz) | In-Nru tad-Dikjarazzjoni<br><br>L-Uffiċċju Doganali | |
| Min jirċievi l-kunsinna (l-isem u l-indirizz) | Id-Dikjarant (l-isem u l-indirizz) | |
| | In-Nru tal-liċenzja ta' l-esportazzjoni | Il-Pajjiż tad-Destinazzjoni |
| Il-Mezz tat-trasport u l-identifikazzjoni tal-mezz tat-trasport | Dokumenti oħrajn annessi | |
| Id-Deskrizzjoni tal-pakketti (il-marki u n-numri, in-numru u x-xorta); id-deskrizzjoni tal-merkanzija; il-piż gross | | |
| L-intestatura tariffarja, in-Nru statistiku, il-piż nett jew kwantità oħra, il-valur, ix-xorta, ir-rati u l-ammont tad-dazji u t-taxxi<br><br>(Ir-Rimi ħieles) | | |
| | Id-Dikjarazzjoni għall-esportazzjoni | |
| | Il-Post, u d-data u l-firma tad-dikjarant | |

*Appendiċi II ma' l-Anness C.1*

*Noti*

1. Id-daqs tal-kjavi tal-preżentazzjoni huwa ISO daqs A4 (210 × 297 mm, 8,27 × 11,69 pulzieri). Il-forma għandha tkun provduta b'marġini fuq ta' 10-mm u marġini għall-organizzazzjoni fuq ix-xellug ta' 20-mm. L-ispazju bejn il-linji għandu jkun ibbażat fuq multipli ta' 4,24 mm (1/6 pulzier) u bi spazju tal-wisa' fuq multipli ta' 2,54 mm (1/10 pulzier). Il-preżentazzjoni għandha tkun konformi mal-kjavi tal-preżentazzjoni tal-Kummissjoni Ekonomika Ewropea (KEE), kif muri fl-Appendiċi I. Devjazzjonijiet minuri fid-daqs eżatt ta' kaxxi eċċ., huma permessibbli jekk meħtieġ għal raġunijiet partikolari fil-pajjiż tal-ħruġ, bħall-eżistenza ta' sistemi ta' kejl mhux metriċi, fatturi ta' sistemi nazzjonali allineati tad-dokumenti, eċċ.

2. Il-Pajjiżi jistgħu jiddeterminaw l-i*standards* li jikkonċernaw il-piż għal kull $m^2$ tal-karta, u l-użu ta' *machine-turned background* biex tkun skansata l-falsifikazzjoni.

3. L-istandardizzazzjoni tinkludi biss kwistjonijiet dwar daqs u preżentazzjoni; kliem ta' gwida inklużi fil-kjavi tal-preżentazzjoni huma maħsuba biss biex jindikaw ix-xorta ta' informazzjoni li għandha tidher f'post partikolari. Għalhekk kull pajjiż jibqa' ħieles li jissostitwixxi dan il-kliem fil-forma nazzjonali tiegħu b'dak il-kliem li hu jikkunsidra aktar xieraq sakemm dan il-kliem ma jaffettwax ix-xorta ta' l-informazzjoni kif indikat fil-kjavi tal-preżentazzjoni.

4. B'żieda ma' dan *sta* għall-amministrazzjonijiet li jħallu barra mill-formoli tagħhom oġġetti fil-kjavi tal-preżentazzjoni li ma jeħtieġux. L-ispazji li għalhekk isiru vojta jistgħu jkunu użati għal skopijiet uffiċjali.

5. Oġġetti addizzjonali meħtieġa mill-amministrazzjonijiet li m'humiex previsti fil-kjavi tal-preżentazzjoni jistgħu jkunu allokati fl-"ispazju ħieles għar-rimi".

**IL-KJAVI TAL-PREŻENTAZZJONI**

**Għall-fattura**

| | | | |
|---|---|---|---|
| Il-Bejjiegħ | | Id-Data u n-Nru tal-fattura<br>Riferenzi oħrajn | |
| ıŋ ȷı ċievi l-kunsinna | | Ix-Xerrej (jekk xort' oħra minn min jirċievi l-kunsinna) | |
| | | Il-pajjiż ta' l-oriġini tal-merkanzija | |
| Informazzjoni dwar it-trasport | | It-Termini u l-kondizzjonijiet dwar il-kunsinna u l-ħlas | |
| Il-Marki u n-numri, in-numru u x-xorta ta' pakketti. Id-Deskrizzjoni tal-merkanzija (kompleta u/jew bil-kodiċi) | | Il-Piż gross, kg | Kubi, $m^3$ |
| L-Ispeċifikazzjoni tal-komoditajiet (bil-kodiċi u/jew kompleta)<br><br>(Ir-Rimi ħieles) | Il-Kwantità | Il-prezz għal kull unità | L-Ammont |
| | | Inkluż fuq | Mhux inkluż fuq |
| | L-Ippakkjar | | |
| | It-Tagħbija | | |
| | Spejjeż oħra (speċifika) | | |
| | L-Assigurazzjoni | | |
| | L-Ammont totali tal-fattura | | |

*ANNESS III*

ANNESS F.6

**L-ANNESS LI JIKKONĊERNA L-ĦLAS LURA TAD-DAZJI U T-TAXXI FUQ L-IMPORTAZZJONI**

**L-Introduzzjoni**

Matul il-*clearance* tal-merkanzija dikjarata għall-użu fid-dar, jew wara r-rilaxx tagħha, jista' jkun skopert jew mill-importatur innifsu jew mill-awtoritajiet doganali, li l-bażi li fuqha l-ħlasijiet doganali kienu kkalkulati kienet skorretta minħabba żball *inter alia* fuq il-parti ta' l-awtoritajiet doganali, id-dikjarant jew xi persuna oħra kkonċernata (eż., il-kunsinnatur jew ix-*shipper*), u li għal din ir-raġuni id-dazji u t-taxxi fuq l-importazzjoni li tħallsu jew li għandhom jitħallsu huma aktar minn dawk li infatti kellhom jitħallsu. Jista' wkoll iseħħ li l-merkanzija hija bil-ħsara, distrutta jew irrevokabbilment mitlufa bi żball jew forza maġġuri, b'mod partikolari qabel ir-rilaxx għall-użu fid-dar; f'dan il-każ ukoll, għal raġunijiet ta' ekwità, id-dazji u t-taxxi fuq l-importazzjoni li diġà kellhom jitħallsu jistgħu jintraddu lura kollha jew in parti.

Għandu jkun possibbli għall-persuna kkonċernata, wara l-verifika tal-fatti, li tieħu ħlas lura tad-dazji u t-taxxi fuq l-importazzjoni mħallsa żejda, jew, jekk il-ħlas ikun għadu ma sarx, ir-rinunzja tad-dazji u t-taxxi fuq l-importazzjoni li huma żejda fl-ammont li fil-fatt jintalab.

Huwa importanti, partikolarment fejn il-ħlas żejjed kien ikkawżat minn żbalji fuq il-parti ta' l-awtoritajiet doganali jew kien ikkawżat minn ċirkostanzi lil hinn mill-kontroll ta' l-importatur jew persuna oħra kkonċernata, li l-ħlas lura jsir mingħajr dewmien żejjed u b'formalitajiet minimi. F'xi każijiet, madanakollu, jista' jkun meqjus neċessarju li l-ħlas lura jsir soġġett għal ċerti kondizzjonijiet jew għal salvagwardji speċjali kontra l-frodi jew l-abbuż.

Id-disposizzjonijiet ta' dan l-Anness ma japplikawx għall-ħlasijiet lura magħmula skond il-proċedura *drawback* jew għar-refużjoni tad-depożiti meħuda bħala sigurtà għall-ħlas tad-dazji u t-taxxi fuq l-importazzjoni.

**Id-Definizzjonijiet**

Għall-iskopijiet ta' dan l-Anness:

(a) il-kliem "il-ħlas lura tad-dazji u t-taxxi fuq l-importazzjoni" jfisser ir-refużjoni, kollha jew in parti, tad-dazji u t-taxxi fuq l-importazzjoni mħallsa fuq merkanzija dikjarata għall-użu fid-dar u r-remissjoni, kollha jew in parti, ta' dawn id-dazji u t-taxxi meta l-ħlas ma jkunx sar;

(b) il-kliem "dazji u taxxi fuq l-importazzjoni" ifissru dazji doganali u d-dazji, it-taxxi, l-miżati l-oħrajn kollha jew ħlasijiet oħrajn li huma miġbura fuq jew f'konnessjoni ma' l-importazzjoni tal-merkanzija, imma li ma jinkludux il-miżati u l-ħlasijiet li huma limitati fl-ammont għall-prezz bejn wieħed u ieħor tas-servizzi mogħtija;

(ċ) il-kelma "rilaxx" tfisser azzjoni li permezz tagħha d-dwana tippermetti li l-merkanzija taħt *clearance* titqiegħed għad-disposizzjoni tal-persuni kkonċernati;

(d) il-kelma "persuna" tfisser persuni kemm fiżiċi kif ukoll ġuridiċi, sakemm il-kuntest ma jirrikjedix mod ieħor.

**Il-prinċipju**

1. *Standard*

Il-ħlas lura tad-dazji u t-taxxi fuq l-importazzjoni għandu jkun iggvernat mid-disposizzjonijiet ta' dan l-Anness.

**L-Iskop**

2. *Standard*

Il-leġislazzjoni nazzjonali għandha tippreskrivi l-każi u l-kondizzjonijiet fejn, meta l-ammont tad-dazji u t-taxxi fuq l-importazzjoni mħallsa jew stmati li għandhom jitħallsu jaqbeż l-ammont legalment dovut, il-ħlas lura tad-dazji u t-taxxi għandu jingħata.

*Nota*

Il-Ħlas lura ma jingħatax fuq dazji u taxxi fuq l-importazzjoni li kienu, jew ser ikunu, mħallsa lura taħt disposizzjonijiet oħrajn.

**Każijiet fejn il-ħlas lura tad-dazji u t-taxxi fuq l-importazzjoni għandu jingħata.**

Żbalji fl-istima

3. *Standard*

Il-Ħlas lura tad-dazji u t-taxxi fuq l-importazzjoni għandu jingħata fejn hu stabbilit li kienu mitluba ż-żejjed bħala riżultat ta' żball fl-istima tagħhom.

Merkanzija li għandha valur inqas milli ddikjarat

4. *Standard*

Il-Ħlas lura tad-dazji u t-taxxi fuq l-importazzjoni għandu jingħata fejn jinstab li d-dazji u t-taxxi fuq l-importazzjoni ġew stmati fuq il-bażi ta’ valur li hu ogħla mill-valur li fuqu għandu jitħallas id-dazju, sakemm il-fatti huma stabbiliti għas-sodisfazzjon ta’ l-awtoritajiet doganali.

Klassifika tariffarja inkorretta

5. *Standard*

Il-Ħlas lura tad-dazji u t-taxxi fuq l-importazzjoni għandu jingħata jekk huma mitluba ż-żejjed bħala riżultat ta’ klassifika tariffarja skorretta tal-merkanzija dikjarata sakemm il-fatti huma stabbiliti għas-sodisfazzjon ta’ l-awtoritajiet doganali.

Merkanzija bil-ħsara distrutta jew mitlufa

6. *Standard*

Il-Ħlas lura tad-dazji u t-taxxi fuq l-importazzjoni għandu jingħata fejn għandha x’taqsam merkanzija bil-ħsara, distrutta jew irrevokabbilment mitlufa bi żball jew kawża ta’ forza maġġuri qabel it-tħollija għall-użu fid-dar, sakemm il-fatti huma stabbiliti kif dovut għas-sodisfazzjon ta’ l-awtoritajiet doganali.

7. *Standard*

Meta merkanzija li ngħatat eżenzjoni kompleta jew parzjali mid-dazji u t-taxxi fuq l-importazzjoni minħabba użu speċifiku hi bil-ħsara, distrutta jew irrevokabbilment mitlufa bi żball jew kawża ta’ forza maġġuri wara t-tħollija tagħha għall-użu fid-dar, għandha tingħata rinunzja ta’ dak l-ammont tad-dazji u t-taxxi fuq l-importazzjoni li minnu ngħatat l-eżenzjoni sakemm din il-ħsara, id-distruzzjoni jew it-telfa hi stabbilita kif dovut għas-sodisfazzjon ta’ l-awtoritajiet doganali.

*Nota*

Li jibqa’ mill-merkanzija koperta mill-i*standards* 6 u 7 jistgħu ikunu:

(a) Klerjati għall-użu fid-dar fl-istat eżistenti tagħhom bħallikieku kienu importati f’dak l-istat; jew

(b) esportati mill-ġdid; jew

(ċ) abbandunati ħielsa minn kull spejjeż lid-Dħul; jew

(d) magħmula kummerċjalment mingħajr valur taħt il-kontroll doganali, mingħajr spiża lid-Dħul;

kif jistgħu jeħtieġu l-awtoritajiet doganali.

Merkanzija li mhijiex skond l-ispeċifikazzjonijiet miftiehma.

8. *Standard*

Il-Ħlas lura tad-dazji u t-taxxi fuq l-importazzjoni għandu jingħata fejn għandha x’taqsam merkanzija importata li tinstab li kienet difettuża jew inkella mhux skond l-ispeċifikazzjonijiet miftiehma fil-ħin ta’ l-importazzjoni, li ma nħadmitx, ma ġietx imsewwija jew użata fil-pajjiż ta’ l-importazzjoni, u li hi esportata mill-ġdid fi żmien raġjonevoli jew lill-fornitur barrani jew lill-persuna oħra maħtura mill-fornitur. L-użu tal-merkanzija m’għandux madanakollu jwaqqaf il-ħlas lura jekk dan l-użu kien indispensabbli biex jiskopri d-difetti jew ċirkostanzi oħrajn li kkawżaw l-esportazzjoni mill-ġdid tal-merkanzija. Bħala alternattiva għall-esportazzjoni mill-ġdid il-merkanzija tista’ tiġi abbandunata minħabba d-Dħul jew distrutta jew magħmula kummerċjalment mingħajr valur taħt il-kontroll doganali, kif jistgħu jiddeċiedu l-awtoritajiet doganali. Dan l-abbandun jew id-distruzzjoni m’għandu jinvolvi ebda spiża lid-Dħul.

*Nota*

Il-Ħlas lura tad-dazji u t-taxxi fuq l-importazzjoni fuq merkanzija tax-xorta msemmija fl-ewwel sentenza ta’ dan l-i*standard* jista’ wkoll ikun ikkunsidrat skond id-disposizzjonijiet ta’ l-i*standards* 4 u 5 jekk din il-merkanzija mhijiex esportata mill-ġdid.

In-Nuqqasijiet

9. *Standard*

Il-Ħlas lura tad-dazji u t-taxxi fuq l-importazzjoni għandu jingħata fejn għandha x’taqsam merkanzija dikjarata li tkun f’kunsinna fejn hu stabbilit għas-sodisfazzjon ta’ l-awtoritajiet doganali li dik il-merkanzija ma kinitx infatti importata fit-territorju doganali.

Merkanzija mqiegħda taħt proċedura oħra doganali

10. *Prattika rakkomandata*

Meta hu mogħti permess mill-awtoritajiet doganali għal merkanzija oriġinarjament dikjarata għall-użu fid-dar biex tiġi mqiegħda taħt proċedura oħra doganali għandu jsir il-ħlas lura ta’ kull dazji u taxxi fuq l-importazzjoni mitluba żejda.

Il-Proċedura tal-ħlas lura

11. *Standard*

Il-proċedura mqiegħda għat-talba tal-ħlas lura tad-dazji u t-taxxi fuq l-importazzjoni għandha tkun sempliċi kemm jista’ jkun.

*Nota*

Il-proċedura tal-ħlas lura tista’ tinbeda jew fuq it-talba tal-persuna kkonċernata jew fuq l-inizjattiva doganali.

12. *Standard*

Għandhom isiru deċiżjonijiet fuq talbiet għall-ħlas lura, u jkunu notifikati bil-miktub lill-persuni kkonċernati mingħajr dewmien żejjed, u l-ħlas lura ta’ ammonti mħallsa żejda għandu jsir kemm jista’ jkun malajr wara l-verifika tat-talbiet.

13. *Standard*

Fejn hu stabbilit mid-dwana l-ħlas żejjed huwa riżultat ta’ żball fuq il-parti ta’ l-awtoritajiet doganali nfushom fl-istima tad-dazji u t-taxxi fuq l-importazzjoni, il-ħlas lura għandu jingħata bħala kwistjoni ta’ prijorità.

### Il-Limitu taż-żmien

14. *Prattika rakkomandata*

Fejn huma ffissati limiti taż-żmien li lil hinn minnhom talbiet għall-ħlas lura tad-dazji u t-taxxi fuq l-importazzjoni ma jkunux aċċettati, dawn il-limiti għandhom ikunu ta’ tul suffiċjenti biex jieħdu kont taċ-ċirkostanzi li jvarjaw li jappartjenu għal kull tip ta’ każ fejn il-ħlas lura tad-dazji u t-taxxi fuq l-importazzjoni jista’ jingħata.

### Informazzjoni li tikkonċerna l-ħlas lura

15. *Standard*

L-awtoritajiet doganali għandhom jassiguraw li l-informazzjoni neċessarja kollha li tikkonċerna d-disposizzjonijiet li għandhom x’jaqsmu mal-ħlas lura tad-dazji u t-taxxi fuq l-importazzjoni tkun mill-ewwel disponibbli għal kull persuna interessata.